# RENDESVOUZ

Fejn dari kien hemm biss il-ħotob
  tal-bankina
  jgħaddu l-karrozzi llum;
  u s-siġra xiħa
  li minnħa ħarsu xewqanin l-agħsafar
  fuq bank imwarrab,
  qalgħuha mill-egħruq,
  u min jaf f'liema naħa ta' ġżiritna qiegħda tgħanni
  ma' ta' kull riħ il-fewġa
  il-hemm, il-ferħ, it-tama
  li semgħet tielgħa
  minn fuq bank imwarrab
  f'lejliet ta' sħab u kesħa,
  f'lejliet ta' kwiekeb żoroq,
  f'lejliet ta' qamar jarmi ħjut tal-fidda,
  tul sajf u xitwa!

* * *

'Żda meta qalb ir-raxxa tal-karrozzi
  inkun qed naqsam,
  qalb id-damdim tal-magni u t-twerżiq
  tal-*hooters*,
  u t-trab imtajjar,
  u mix-xellug jaħirbu għall-lemin
  u jżiġġu għajnejja
  taħt in-nuċċali iswed maħruqin,
  għadni nħoss
  bħal xrara safja għaddejja
  u nerġa' noħlom ħolm ta' ferħ u sliem
  imħabba dawk il-jiem
  ta' meta hawnhekk iltqajna t-tnejn xewqana
  fil-qilla tal-irwiefen taż-żgħożija tagħna!

28-v/'50. WALLACE GULIA.